**Rikors ippreżentat fit-18 ta' Frar 2016 – Pirelli Tyre vs EUIPO (żewġ strixxi mgħawġa fuq il-ġenb ta' tajer)**

**(Kawża T-81/16)**

(2016/C 156/68)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Pirelli Tyre SpA (Milan, l-Italja) (rappreżentanti: T. Müller, F. Togo, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark ta' pożizzjoni tal-UE li tikkonsisti f'żewġ strixxi mgħawġa fuq il-ġenb ta' tajer – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 13 388 293

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-9 ta' Diċembru 2015 fil-Każ R 10192015-1

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Ksur ta' diversi prinċipji ta' forma u proċedurali fl-evalwazzjoni tal-motivi assoluti

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009;

— Ksur tal-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

**Rikors ippreżentat fit-22 ta' Frar 2016 – Murphy vs EUIPO – Nike Innovate**

**(Strumenti ta' kejl, tagħmir u apparat)**

**(Kawża T-90/16)**

(2016/C 156/69)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorreni:* Thomas Murphy (Blackrock, l-Irlanda) (rappreżentanti: N. Travers, SC, J. Gormley, Barrister, M. O'Connor, Solicitor)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Nike Innovate CV (Beaverton, l-Istati Uniti)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tad-disinn inkwistjoni:* il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

*Disinn inkwistjoni:* disinn Komunitarju "strumenti ta' kejl, tagħmir u apparat" – Disinn Komunitarju Nru 2 159 640-0002